Minuti tat-30 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 24 ta' Awissu, 2011.
Il-laqgha nbdiet hin 16.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tad-29 laqgha.**

1.1 Il-Kunsill qabel illi l-Minuti tad-29 laqgha jigu trattati waqt il-laqgha li gejja peress li uhud mill-Kunsilliera ma lahqux rawhom.

**2. Progett Fondi EU taht Mizura 323 Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project: Kwotazzjoni studju salib fil-pjazza u offerti restawr kappella San Dimitri.**

**2.1 Kwotazzjoni studju salib fil-pjazza.** Gie spjegat illi l-MRRA tat direzzjoni illi din il-kwotazzjoni ghandha terga' tigi ppublikata peress li jkun hemm kunflitt ta' interess jekk il-kwotazzjoni tinghata lill-istess kuntrattur li huwa involut fil-konsorzju tekniku. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kwotazzjoni ghandha tkun ippublikata mill-gdid.

Emanuel Muscat talab li jkun skuzat ghal ftit hin minhabba ragunijiet ta' xoghol u telaq mil-laqgha.

**2.2 Offerta restawr kappella San Dimitri.**

2.2.1 Gie trattat ir-rapport imhejji mill-Perit Edward Scerri fejn il-Perit qed jirrakkomanda illi l-offerta ghandha terga' tkun ippublikata biex jigi zgurat li l-ebda kuntrattur ma jkun zvantaggjat. Dan peress illi l-kuntratturi huma orhos minn xulxin f'certu items u oghla f'items ohra. Ghalhekk jekk jitnaqqsu x-xogholijiet jista' jkun hemm lok li jinghata vantagg/zvantagg lil xi hadd mill-offerenti. Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Perit u qabel illi l-offerta ghandha terga' tigi ppublikata.

**3. Offerti servizz ta' manigjar tac-centru ta' matul il-jum ghat-tfal u servizzi ta'child minders.**

3.1Giet trattata il-korrispondenza mid-Dipartiment tas-Social Welfare Standards fejn qed jissuggerixxu illi l-applikanta ghandha tintalab tipprezenta il-kwalifiki taghha lill-Malta Qualifications Council sabiex jigi stabbilit jekk jilhqux il-kriterji mitluba ghall-immanigjar ta' centru ta' matul il-jum ghat-tfal. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Progett Eco-Gozo.**

4.1 **Child care centre.** Gie trattat ir-rapport tal-Perit fir-rigward tal-offerta tac-child care centre. Fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Perit gie deciz li jigu *awarded* l-oqsma segwenti: *finishing, drainage and sanitary ware, joinery and apertures,* servizzi u items ohra bhal arja kundizzjonata, taghmir tal-kcina, ghamara, zona tal-loghob ta' barra, provista' ta' loghob ghall-valur ta' €45,969.39. Peress li l-ammont allokat mill-Eco-Gozo huwa ta' €39780 il-Kunsill qabel li jillimita n-nefqa ta' l-offerta ghal dan l-ammont u kemm il darba ikun finanzjarjament possibbli jivvota d-differenza mill-fondi tal-Kunsill.

4.2 **Eco-truck/eco-cab.** Gie spjegat illi l-kuntrattur intalab sabiex jaghti skont bl-iskop illi l-prezz jigi limitat skond il-budget disponibbli, u l-iskont inghata pero xorta wahda l-prezz baqa 'il fuq mill-budget. Is-Sindku spjega illi qed tigi studjata l-possibilita' li jinkisbu fondi ohra mill-MRA biex dawn ikunu jistghu jinxtraw. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Aggornament dwar progetti, xogholijiet fit-toroq u xogholijiet ohra.**

5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi x-xoghol preliminari li jinkludi bdil tal-main tad-dranagg u tal-main tal-ilma fi sqaq fi Triq Frenc ta' l-Gharb li qed isir min naha tal-WSC wasal sabiex ikun konkluz. Il-Kunsill ser ikun involut fil-finishing tal-wicc u dan ser isir possibilment permezz tal-haddiema tal-Kunsill billi l-Kunsill jixtri l-materjal necessarju. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.2 Dwar ix-xogholijiet tal-WSC f'Wied il-Mielah gie spjegat illi ghad fadal trinka, estensjoni tal-main tal-ilma u estensjoni tal-culvert tal-ilma fi Triq tal-Gidi sabiex ikun lest sabiex issir it-triq.

5.3 Dwar xogholijiet ta' resurfacing fit-toroq gie spjegat illi fil-prezent hemm il-permess tat-trenching dwar Triq il-Knisja u Triq Trux li ghadu ghaddej. Sadanittant ser jinbeda wkoll il-permess ghas-6 toroq l-ohra. Gie spjegat ukoll illi l-ittri ta' accettazzjoni dwar il-bdil tal-mejnijiet tal-ilma ghadhom ma gewx trasferiti minn fuq il-kuntrattur tal-WSC ghal fuq dak tal-Kunsill. Gie spjegat illi l-WSC qed jikkunsidraw illi fi Triq il-Knisja isiru 2 trinek ghall-main tal-ilma minflok trinka wahda. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti mas-sidien ta' art mhux mibnija dwar is-servizzi.

5.4 Il-Kunsill iddiskuta l-policy stabbilita' mill-Kunsill innifsu dwar xogholijiet ta' trenching li jkunu ser isiru fil-lokalita' fejn l-applikant jew il-kuntrattur tieghu jintalbu ihallsu depozitu ta' €360 ghal kull trinka liema depozitu jkun rifuz meta l-Kunsill ikun sodisfatt bix-xoghol ta' reinstatement li jkun sar skond kif titlob is-sengha u t-triq ritornata ghall-istat originali taghha. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.5 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi l-WSC ma jaghmlux ix-xoghol ta' trenching kif titlob is-sengha. Gie deciz li ghandha tingibed l-attenzjoni taghhom dwar dan.

5.6 Is-Sindku spjega illi ser ikollu laqgha mal-WSC dwar ix-xogholijiet pendenti u l-ittri ta' accettazzjoni.

5.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar Triq Virtu', fejn gie spjegat illi din it-triq hija ppjanata li ssir b'zewg mains tal-ilma minn gol-bankini. Is-Sindku spjega illi din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li ser ikollu mal-WSC ukoll.

5.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi ghaddejja diskussjoni mal-Ministeru ghal Ghawdex fir-rigward ta' Triq Frangisk Portelli. Gie spjegat illi ghadha ma gietx imhabbra d-data meta ser jibdew ix-xogholijiet f'din it-triq izda d-devjazzjoni ser tkun mill-Gharb. Peress li l-Kunsill ser ikun qed jaghmel xogholijiet fi Triq il-Knisja wkoll, il-Ministeru qed jipproponu illi x-xogholijiet jinbdew min naha ta' Triq l-Gharb lejn il-Pjazza Zjara tal-Madonna. Gie spjegat illi waqt laqgha li saret mal-Ministeru ghal Ghawdex kien stabilit li matul ir-rotta mnejn ser ikun devjat it-traffiku ghandu jsirilha major paching works. Kien spjegat ir-rotta ta' traffiku alternattiva li ser tkun kif gej, minn Triq Frangisk Portelli ghal Triq Tumas Cassar, lejn Triq Felic Grech issegwi lejn Triq Dun Alwig, Triq Virtu Birbura, Triq Mongur, Triq Maxwell lejn San Lawrenz. Fir-rigward ta' Triq Tumas Cassar is-Sindku qal li talab li din ghanda tinghata wicc gdid peress li din it-triq kienet l-ahjar triq imma meta sar s-servizz tad-dranagg tal-lukanda San Lawrenz din saritilha hsara irreparabbli u kienet ser tkun ta'piz ghall-Kunsill.

5.9 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' 3D li l-Kunsill Lokali San Lawrenz ser ikunu qed jaghmlu fil-pjazza ta' San Lawrenz u li ser tolqot lill-lokalita' ta' l-Gharb minhabba l-influss ta' traffiku li normalment tohloq attivita' ta' dan it-tip. Kien propost illi Triq Frangisk Portelli u Triq Tumas Cassar ghandhom ikunu parkegg fuq lat wiehed biss ghal din l-attivita'.

5.10 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-gnien fi Triq Tumas Cassar fejn kien hemm qbil illi meta x-xogholijiet ta' rinnovament fil-kumpless sportiv ikunu finalizzati issir l-inawgurazzjoni ta' kollox flimkien.

5.11 Emanuel Muscat dahal lura fil-laqgha. Is-Sindku aggornah dwar ix-xoghol li sar meta huwa kien barra mil-laqgha.

5.12 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kanal ta' l-ilma fi Triq Birbuba fejn hemm problema ta' sadd partikolarment quddiem ir-residenza Caruana numru 30. Is-Sindku ppropona illi l-kanal ghandu jkun imnaddaf. Il-Kunsill qabel li ghandha tingab kwotazzjoni minghand Michael Refalo u Petist Spiteri, iz-zewg kuntratturi li jaghmlu dan it-tip ta' xoghol gewwa Ghawdex, ghal prezz kull metru sabiex dan jitnaddaf. Ix-xoghol ghandu jsir minn min jaghti l-ahjar prezz.

**6. Jum l-Gharb 2011.**

6.1 Il-Kunsill approva il-programm u l-fondi ivvutati ghalih.

6.2 Il-Kunsill qabel illi l-awards ghar-rikonoxximenti ta' Jum l-Gharb 2011 ghandhom ikunu jikkonsistu f'dan li gej: hamper u certifikat ghal Premju Volontarjat Lokali, ikona ghall-Premju Qlub Generuzi, oggett sagru ghal Premju Gharb, u oggett tal-Gozo Glass ghal Gharb Gozitan Cultural Award.

6.3 Il-Kunsill qabel dwar l-armar tal-Pjazza ghall-attivita'. Il-billboard tal-progett Mizura 323 li ser ikun bhala backdrop f'Jum l-Gharb imbaghad ser ikun stallat fil-Pjazza in-naha tax-xellug kif thares lejn il-Knisja ghal zmien il-progett.

**7. Eden Award.**

**7.1** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' Eden li ser issir fi Brussels bejn is-26 u 29 ta' Settembru, 2011. Lisa Marie Brooke infurmat li mhux ser tkun tista' tattendi. Peress li Emanuel Muscat wera x-xewqa li jattendi, il-Kunsill qabel unanimament li jattendi flimkien mas-Sindku.

**8. Skeda ta' pagamenti.**

8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

**9. Korrispondenza u materji ohra.**

9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-istedina sabiex il-Kunsill izur Cinque Terre gewwa l-Italja biex tigi studjata il-possibilita' ta' koperazzjoni ma din il-lokalita'. Qed jigi prevvist li din iz-zjara issir lejn il-bidu ta' Novembru, 2011. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jinfurmaw jekk humiex interessati li jattendu u javzaw b'dan sa l-ewwel gimgha ta' Settembru.

9.2 Il-Kunsill gie infurmat li qed tigi mhejjija applikazzjoni sabiex f'Marzu 2012 jigu mistiedna lokalitajiet gemallati ghal Seher il-Punent li ser isir fil-weekend tad-19 ta'

9.3 Marzu, 2012. Il-Kunsill qabel unanimament. Dwar Seher il-Punent il-Kunsill iddiskuta dwar l-issue li trid tigi indirizzata li tinstab residenza alternattiva ghal Luigia Mercieca.

9.4 Is-Sindku spjega wkoll illi saret stedina mill-Kunsill Lokali ta' l-Isla sabiex il-Kunsill jiehu sehem fi progett tat-town twinning fejn qed jigu mistiedna jippartecipaw il-lokalitajiet kollha li rebhu l-EDEN Award flimkien mal-lokalitajiet gemellati. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar kors dwar l-operat ta' *hydraulic plants*. Is-Sindku spjega illi huwa tkellem ma Transport Malta u jekk ikun hemm bizzejjed partecipanti dawn lesti li jorganizzawh. Ser isir avviz ghar-registrazzjoni.

9.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ftehim li jezisti ma Green MT fejn gie spjegat illi hemm issues li jinsabu pendenti mar-regjun ta' Ghawdex. S'issa il-Kunsill ibbenefika minn boroz tar-reciklagg.

9.7 Is-Sindku spjega illi l-Gharb Rangers qed jaghmlu x-xoghol ta' refurbishment gewwa l-kumpless sportiv, ghalhekk jinhtieg illi l-materjal li jinsab storjat jingarr ghal gol-garage li ser jikri il-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament, il-garr ghandu jsir mill-haddiema tal-Kunsill u l-handyman Emanuel Saliba.

9.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-gnien fi Triq Birbuba, fejn il-Kunsill qabel li l-bankijiet ghandhom jergghu jinzebhu u ssir applikazzjoni taht Memo 66/2011 sabiex jinbidel ir-rubber ta' taht il-bandla u jsiru barriers.

9.9 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni illi t-tfal fil-playing field ta' triq Birbuba qed jaqbzu mill-gnien ghal gol eghlieqi. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir filata ohra.

9.10 Il-Kunsill iddiskuta r-refurbishment tal-belveder fi Triq Tumas Cassar fejn gie spjegat li ser jigu stallati il-bankijiet. Il-Kunsill qabel unanimament u qabel ukoll li ghandhom jehlu tabelli biex ma jidhlux klieb u roti. Gie spjegat illi Emanuel Saliba wahhal il-litterbins. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab kwotazzjoni ghal pots u installazjoni ta'drip ghat-tisqija tal-pjanti fil-playing field.

9.11 Saret diskussjoni dwar it-tisbih tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu xi idejat lill-persuni, kumpaniji sabiex jaghmlu xi proposti.

9.12 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kumpless sportiv fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi mgedda l-proposta ta' public private partnership billi tohrog sejha ghall-offerti.

9.13 Gie spjegat illi l-MFA ghaddejjin bid-diskussjonijiet taghhom dwar it-turf fil-ground tal-futbol ta' l-Gharb. Is-Sindku spjega illi San Lawrenz Spurs qed jitolbu li

juzaw nofs il-ground u qed joggezzjonaw li jsir it-turf jekk ma jinghatalhomx dan id-dritt. Gie spjegat illi ghalkemm bejn il-klubs tal-football tal-Gharb u San Lawrenz hemm sinergija fir-rigward tan-nursery dan ma ghandux izomm lill-Kunsill milli jissalvagwardja l-assi u l-interess tal-konfini tal-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-uzu tal-ground tal-futbol mit-tim ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel illi dawn ghandhom ihallsu rata ta'l-uzu u mhux bhala kera.

9.14 Is-Sindku spjega illi hemm possibilita' tajba illi l-fondi minn Mizura 323 ikunu approvati sabiex isir il-livell ta' fuq tal-kumpless sportiv.

9.15 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-applikazzjoni pendenti ghal progett ta' pannelli madwar il-ground tal-futbol b'ko-finanzjament ta' €120,000. Is-Sindku ppropona li ghandha tohrog sejha ghal min jixtieq jirreklama mal-istruttura tal-pannelli. Gie spjegat illi l-Kunsill ghandu bye-law dwar kiri ta' propjeta'.

9.16 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata harga edukattiva u kulturali ghall-istudenti u l-genituri ghal Malta, student bejn il-hames sena tal-primarja u Form 2.

9.17 Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ix-xoghol fuq il-parapett ta' l-iskola biex tittejjeb l-accessibilita' u l-kundizzjoni ta' l-istess parapett qabel jirritornaw it-tfal l-iskola. Dan ix-xoghol ser isir mill-fondi approvati mill-iskema tal-accessibilita' bhala parti mill-offerta tac-Centru Civiku.

9.18 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata harga socjo-kulturali ghall-anzjani ghal Malta f'Settembru/Ottubru.

9.19 Il-Kunsill qabel li fuq l-edizzjoni li jmiss ta' l-Pjazza ghandu jsir avviz ghall-korsijiet tax-xitwa.

9.20 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kors tal-irhamar. Il-Kunsill qabel li jistaqsi mill-gdid lil Mario Camilleri Cauchi jekk jixtieqx jaghti dan il-kors, jekk le ghandu jinstab ghalliem iehor.

9.21 Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa u jipprovdi is-sound system ghal lejla sajfija ghas-somma ta' €50.

9.22 Il-Kunsill qabel li ghandu jigi organizzat kors dwar il-presepju.

9.23 Dwar it-talba tal-Kunsill ghas-self fuq il-progett tac-centru civiku, gie spjegat illi ghandha tinzamm laqgha fit-30 ta' Awissu, ma rapprezentanti mid-DLG u Ministeru tal-Finanzi sabiex isiru l-kjarifici mehtiega.

9.24 Gie trattat il-kuntratt tat-tigdid tas-shubija fic-centru ta' matul il-jum ghall-anzjani gewwa Ghajnsielem. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jiffirma it-tigdid ta' dan il-ftehim.

9.25 Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab kwotazzjoni sabiex isiru numru godda tad-dwal tat-toroq peress li hafna numri m'ghadhomx jidhru. Il-Kunsill qabel li ghandha tingab kwotazzjoni ghal etching permezz tal-laser. Emanuel Muscat ghandu jara min hija l-kumpanija li taghmel dan ix-xoghol.

9.26 Giet trattata il-korrispondenza segwenti:

9.27 Gie mqassam ic-certifikat tas-shubija ta' l-assikurazzjoni tas-sahha lil kunsilliera.

9.28 Mill-Universita' ta' Malta invit ghal attivita' li ser issir bil-partecipazzjoni tal-grupp 'Chasing Pandora'.

9.29 Korrispondenza bi flyer u posters ta' informazzjoni minghand MRRA fir-rigward tal-Bumunqar Ahmar tal-Palm.

9.30 Skeda tal-hinijiet tat-transport tat-tfal ta' l-Iskola Sekondarja. Saret diskussjoni dwar it-transport ta' l-iskejjel u l-stages fejn ser tieqaf il-bus. Kien spjegat li minhabba il-problema tal-obezita' l-istages naqsu.

9.31 Mill-ICT Applications Officer MGOZ fir-rigward ta' cable li jrid jghaddi sabiex il-librerija tkun tista' topera b'mod elettroniku. Gie spjegat illi bhalissa ghaddej il-process sabiex il-branch libraries jigu kompjuterizzati. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dak mehtieg sabiex il-librerija tal-Gharb ukoll tkun tista' tigi kompjuterizzata.

9.32 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand it-Taqsima tal-Kultura: Milied 2011 – Presepji Esebiti ghal pubbliku, invit ghal seminar ta' informazzjoni dwar fondi ghall-operaturi fil-qasam kulturali.

9.33 Mill-Bibljoteka Nazzjonali b'invit ghal Fiera Nazzjonali tal-Ktieb 2011.

9.34 Minghand Malta Council for Voluntary Sector fir-rigward ta' attivitajiet li ser jigu organizzati sabiex jimmarkaw is-sena Ewropeja iddedikata ghall-Volontarjat.

9.35 Ringrazzjament mill-Kumitat Festa tal-Vizitazzjoni.

9.36 Giet trattata s-segwenti korrispondenza mill-MEPA:-
Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp – PA5609/07, PA6080/08, PA123/10, PA434/11, PA301/11, PA836/11, PA857/11 u PA864/11.
*Acknowledgement of Receipt* ta' Applikazzjoni numru PA857/11 – Restawr tal-Bazilika tal-Vizitazzjoni, Gharb.
Talba ghal Informazzjoni – PA5609/07 – Sabiex jigi mibni centru sportiv fi Triq Tumas Cassar u PA857/11 – Restawr tal-Bazilika tal-Vizitazzjoni, Gharb.
Avviz ta' Infurzar ECF347/11.

Il-laqgha spiccat hin 7.15pm.

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv